

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 562/2011

tal-10 ta' Ġunju 2011

li jadotta l-pjan li jalloka lill-Istati Membri riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2012 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni Ewropea u li jidderoga minn ġerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 807/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal-ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (f) u (g) tal-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ⁽²⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2010 tal-14 ta' Settembru 2010 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-forniment ta' ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni ⁽³⁾, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' tqassim li jkun iffinanzjat minn riżorsi disponibbli fis-sena baġitarja tal-2012. Dak il-pjan għandu jistabbilixxi partikolarmen, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq il-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tittieħed mill-ħażniet miżmuna mill-aġenziji tal-intervent.

(2) L-Istati Membri involuti fil-pjan ta' tqassim għas-sena baġitarja 2012 kienu pprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

(3) Għall-finijiet tal-allokazzjoni tar-riżorsi, għandhom jiġu kkunsidrati l-esperjenza u sa liema punt l-Istati Membri utilizaw ir-riżorsi allokat li lhom fis-snin preċedenti.

(4) Jekk wieħed jikkunsidra l-fatt li d-disponibbiltà tal-ħażniet tal-intevent għall-forniment tal-iskema għat-tqassim tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn hija mnaqqsa sostanzjalment b'rabta mas-sena preċedenti, ikun xieraq li l-pjan annwali tal-2012 huwa adottat malli l-Istati Membri jkunu taw lill-Kummissjoni l-informazzjoni

meħtieġa fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010. L-adozzjoni rapida għandha l-għan li tippermetti lill-istati Membri biex ikollhom ħin addizzjonal biex jorganizzaw l-implementazzjoni tal-pjan annwali tal-Unjoni bil-ħsieb li tingħata l-okkażjoni lill-awtoritajiet nazzjonali biex isibu sorsi alternativi tal-ikel.

(5) L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 jistipula li, fejn ma hemmix ross disponibbli fil-ħażniet tal-intervent, il-Kummissjoni tista' tawtorizza t-tnejħija ta' ċereali mill-ħażniet tal-intervent bħala ħlas għall-forniment ta' ross jew tal-prodotti tar-ross immobilizzati fis-suq. Skont dan, minħabba li attwalment mhemmha ħażniet tal-intervent tar-ross, għandha tiġi awtorizzata t-tnejħija ta' ċereali mill-ħażniet tal-intervent bħala ħlas għall-mobilizzazzjoni tal-prodotti tar-ross fis-suq.

(6) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 jistipula t-trasferimenti bejn l-Istati Membri ta' prodotti li mhumiex disponibbli fil-ħażniet tal-intervent tal-Istat Membru fejn prodotti bħal dawn huma meħtieġa biex jiġi implementat il-pjan ta' tqassim annwali. Jeħtieġ għal-hekk, li jiġu awtorizzati t-trasferimenti intra-Unjoni meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dak il-pjan għall-2012, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

(7) Minħabba l-qagħda attwali tas-suq fis-sttur taċ-ċereali, li huwa kkaratterizzat minn livelli għolim ta' prezziċċieta tas-suq, huwa xieraq, sabiex l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu żgurati, li l-garanzija finanzjarja, li għandha tkun irregjistrata mill-kuntrattur li jobbliga ruħu sabiex iforni [impenjat li jwettaq l-operazzjoni tal-forniment ta'] ċ-ċereali kif stipulat fl-Artikoli 4(3) u 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 tiżdied.

(8) Għall-implementazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali, l-avvenimenti operattivi fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.

(9) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-Kummissjoni talbet il-parir tal-organizzazzjoni jiet ewlenin li huma familjari mal-problemi tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni meta kienet qed tħejji dan il-pjan ta' tqassim annwali.

(10) Il-Kunitat ta' ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 242, 15.9.2010, p. 9.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-2012, it-tqassim tal-ikel lill-persuni li huma l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandu jiġi implementat skont il-pjan ta' tqassim annwali stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-użu ta' ċereali bħala ħlas għall-mobilizzazzjoni tal-prodotti tar-ross fis-suq huwa awtorizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

Artikolu 2

It-trasferiment intra-Unjoni tal-prodotti elenkti fl-Anness II għal dan ir-Regolament għandhom ikunu awtorizzati skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ġunju 2011.

Artikolu 3

B'deroga mill-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2012, qabel ma jitneħħew iċ-ċereali mill-intervent, il-kuntrattur impenjat li jwettaq l-operazzjoni tal-forniment għandu jirregista l-garanzija li tkun ekwivalenti għal EUR 150 kull tunnellata.

Artikolu 4

Għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, id-data tal-avveniment operattiv fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2011.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS I

PJAN ANNWALI TA' TQASSIM GĦALL-2012

(a) Riżorsi finanzjarji li huma disponibbli għall-implementazzjoni tal-pjan tal-2012 f'kull wieħed mill-Istati Membri

(f'EUR)

Stat Membru	Tqassim
Belgique/België	2 795 058
България	4 183 873
Česká republika	122 600
Eesti	718 782
Éire/Ireland	1 304 105
Elláda	4 805 742
España	18 084 154
France	15 869 928
Italia	22 103 802
Latvija	1 558 586
Lietuva	1 849 759
Luxembourg	47 463
Magyarország	3 237 794
Malta	131 505
Polska	17 310 824
Portugal	4 524 628
România	12 035 925
Slovenija	515 467
Slovakia	959 383
Suomi/Finland	1 327 965
Total	113 487 343

(b) Il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tiġi rtirata mill-ħażniet tal-intervent tal-UE għat-tqassim f'kull Stat Membru skont l-ammonti massimi stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Anness:

(f'tunnellati)

Stat Membru	Ċereali	Butir	Trab tal-ħalib xkumat
Belgique/België	—		1 560,273
България	39 144,763		—
Česká republika (*)	450,000		—
Eesti (**)	—		383,316

Stat Membru	Ċereali	Butir	Trab tal-ħalib xkumat (f'tunnellati)
Éire/Ireland	—		727,985
Elláda	—		2 682,689
España	—		10 095,040
France	—		8 859,003
Italia	—		12 338,912
Latvija	—		870,043
Lietuva	—		1 032,583
Luxembourg (***)	—		—
Magyarország	—		1 807,420
Malta	1 230,373		—
Polska	—		9 663,348
Portugal	—		2 525,764
România	112 609,424		—
Slovenija	—		287,747
Slovakia	8 976,092		—
Suomi/Finland	—		741,304
Total	162 410,652		53 575,425

(*) Česká Republika: allokazzjoni għax-xiri ta' prodotti tal-ħalib fis-suq tal-UE: EUR 37 356 li jridu jiġu kkontjati mal-allocazzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat u EUR 33 263 għandhom jiġu mnaqqsa mill-allocazzjoni tal-butir tar Repubblika Ċeka.

(**) Eesti: allokazzjoni għax-xiri ta' prodotti tal-ħalib fis-suq tal-UE: EUR 30 440 li għandhom jiġu mnaqqsa mill-allocazzjoni tal-butir tal-Estonja.

(***) Luxembourg: allokazzjoni għax-xiri ta' prodotti tal-ħalib fis-suq tal-UE: EUR 44 989 li għandhom jiġu mnaqqsa mill-allocazzjoni tat-trab tal-ħalib xkumat tal-Luissrmburgu.

ANNESS II

(a) Trasferimenti intra-Unjoni ta' ċereali awtorizzati fil-pjan għas-sena baġitarja 2012:

	Kwantità (tunnellati)	Detentur	Destinatarju
1	33 988,763	Agency for Rural Affairs, Suomi/Finland	Държавен фонд 'Земеделие' — Разплащателна агенция, България
2	5 156,000	RPA, UK	Държавен фонд 'Земеделие' — Разплащателна агенция, България
3	450,000	SJV, Sverige	SZIF, Česká Republika
4	1 230,373	SJV, Sverige	Aġenzija tal-Pagamenti tal-Ministeru għar-Riżorsi Umani u l-Affariji Rurali, Malta
5	16 880,298	BLE, Deutschland	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
6	41 360,295	Agency for Rural Affairs, Suomi/Finland	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
7	54 368,831	SJV, Sverige	Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură, România
8	147,000	FranceAgriMer, France	Pôdohospodárska platobná agentúra, Slovenská Republika
9	8 829,092	SJV, Sverige	Pôdohospodárska platobná agentúra, Slovenská Republika

(b) Trasferimenti intra-Unjoni ta' trab tal-ħalib xkumat awtorizzati skont il-pjan għas-sena baġitarja 2012:

	Quantity (tonnes)	Holder	Recipient
1	2 682,688	BLE, Deutschland	OPEKEPE, Elláda
2	330,350	SZIF, Česká Republika	FEGA, España
3	6 308,486	OFI, Ireland	FEGA, España
4	3 456,204	RPA, UK	FEGA, España
5	2 118,853	RPA, UK	FranceAgriMer, France
6	7 905,602	BIRB, Belgique	AGEA, Italia
7	1 476,378	OFI, Ireland	AGEA, Italia
8	2 749,632	Dienst Regelingen Roermond, Netherlands	AGEA, Italia
9	207,300	SJV, Sverige	AGEA, Italia
10	870,042	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva	Rural Support Service, Latvia
11	1 807,420	RPA, UK	Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal, Magyarország
12	3 294,212	BLE, Deutschland	ARR, Polska
13	1 675,024	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva	ARR, Polska

	Quantity (tonnes)	Holder	Recipient
14	4 693,285	RPA, UK	ARR, Polska
15	2 525,314	RPA, UK	IFAP I.P., Portugal
16	287,747	Dienst Regelingen Roermond, Netherlands	Agencija Republike Slovenije za kmetijske trge in razvoj podeželja, Slovenija
17	252,008	PRIA, Eesti	Agency for Rural Affairs, Suomi/Finland
18	489,296	Dienst Regelingen Roermond, Netherlands	Agency for Rural Affairs, Suomi/Finland